Fuq ix-xefaq id-dlam firex saltnatu.
Nittajru fis-swidija
tal-lejl li f'ħobbu jħaddan l-ogħla dija
u mixtiqin mill-poeżija
mistura f'guf id-dlam,
mir-ragħwa tal-mewġ jobrom taħtna
inħossu fil-qorob il-ħin mixtieq,
li jwassal lejn bieb il-Ħallieq.
Nimtlew kollna ferħ
bis-sejħa ta' serħ
li tiddi mill-bogħod,
u ġġegħel lil qalbna tirtogħod
mar-raġġ li ġej mill-fanal
bħal tislima ta' merħba u ta' sliem
bla tmiem.

## Nida

GORG BORG

Darba kont għadni tfajjel,
inxtħett fuq medda ħdura
insoff bil-gost in-nida
minn sider in-natura.

'Mma l-gost ma damx għax f'daqqa
telgħet ix-xemx għajjiena
issoff minfloki n-nida
minn sider in-natura



## Lampara

JOHN BUTTIGIEG

Qdift lejk b'lampara bajda
nemmen kollox...

L-uċuħ li ġew quddiemi biex nismagħhom
ħaffruli piż antik mingħajr sekwenza
u meta ntefa d-dawl u bqajt mingħajrek
ħabbejt il-ħars stunat u l-innoċenza.

Ilbiesek kien ħarir b'nofs xemgħa tqattar
ħallejtek tmur bil-mod u tpassi ż-żmien,
imbagħad kajman fid-dlam ħaddantek miegħi
sew sew kif tagħmel int għamiltlek Jien.

U flejtek bħal daqqaq b'kitarra morra
imxejt warajk fil-ksieħ fuq xatt id-dmugħ
ħabbejtek bħal iltim bla poeżija
xtaqt ngħidlek ħafna kliem mgħarrqin fir-ruħ.

U qdift b'lampara bajda lejn suritek
sal-ġmiel tas-sbieħ għajnejk kebbist in-nar
ħallatt in-nostalġija mal-memorji
u bnejt mir-ramel fin kastelli kbar.

...Bandala ta' xewqat mimlija mħabba
niktiet sfukati fin-narċis tal-wied
gawwija togħma t'ilma f'tabernakli
mimsusa minn kulħadd u kollha skiet...

Oħroġli minn xufftejja l-penitenza
u qis il-ħoss tar-riħ f'ħaddejk peprin,
agħtini l-aħħar daqqa w ibqa sejra
tkunx kawża ta' dal-waqt u tad-destin.